**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**-vs-**

**Lidl Malta Limited, (C 36317) ta' Vassallo Business Park, Burmarrad Road, Naxxar;**

**Helder Jose Alves Rocha, detentur tal-karta tal-identità Portugiża 117359211ZXO;**

**Luca Boselli detentur tal-karta tal-identità Taljana numru AY8569781;**

**Roberto Eretta detentur tal-karta tal-identità Taljana numru CA89695AV;**

**Bettina Liccardi detentriċi tal-karta tal-identità Taljana numru AY6160202;**

**Giuseppe Massimiliano Silvestri detentur tal-Passaport Taljan numru YB0791066, u**

**Eduardo Tursi detentur tal-karta tal-identità Taljana numru CA44873BE.**

*Każ Nru. 7590/2023*

Illum, 24 t'April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Lidl Malta Limited, Helder Jose Alves Rocha, Luca Boselli, Roberto Eretta, Bettina Liccardi, Giuseppe Massimiliano Silvestri u Eduardo Tursi** u ċioe talli:

> Nhar id-09.11.2022 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, bħala negozjanti jew kummerċjanti jew persuna li joperaw kummerċjalment l-ħanut Lidl fi Triq iċ-Ċikklamini, San Ġwann, il-fuq imsemmija kumpanija Lidl Malta Limited C36317:
>
> 1. Kissret u/jew naqset li tħares d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Prezzijiet indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Legislazzjoni Sussidjarja [L.S.] 378.09 peress li fil-mument tal-ħlas da parti tal-konsumaturi, l-imsemmija kumpanija imponiet prezzijiet ikbar mill-prezzijiet indikati, meta l-prezz indikat għandu jkun l-prezz aħħari għall-bejgħ bl-imnut jew il-prezz aħħari ta' unità (ksur tar-regolament 5 tal-L.S.378.09 fid-dawl kemm tad-definizzjoni tal-kelma 'prezz' fl-artikolu 2(2) tal-L.S.378.09 u kif ukoll tal-artikolu 3 tal-L.S.378.09).
>
> Il-Qorti hija mitluba li kemm il-darba tirriżulta l-ħtija, timponi fir-rigward tal-akkużat l-multa jew il-multi u tordna l-pubblikazzjoni tas-sentenza mgħoddija fuq min jinsab ħati, ai termini tar-regolament 9 (3) tal-L.S. 378.09.

Illi wara li l-abbli difensuri tal-imputati resqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Qorti rat li l-istess imputati ma ġewx notifikati fl-indirizz residenzjali iżda fuq il-lant tax-xogħol fejn in-notifika tħalliet ma' persuna terza. Mhux talli hekk iżda ma jirriżultax li Lidl bħala soċjetà ġiet notifikata.

L-artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **362.** (1) Iċ-ċitazzjoni għandha tingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod. Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-uffiċjal esekutur għandu jagħmel rapport ta' dan lill-qorti.

Għaldaqstant tenut kont li n-notifika lid-Diretturi fuq imsemmija mhix waħda valida skond il-liġi, m'hemmx dubbju li l-azzjoni hi preskritta ġaladarba skond ir-regolament 9(2) tar-Regolamenti dwar Prezzijiet indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, tali azzjoni hi prosegwibbli fi zmien sena.

In vista li, għajr għall-imputat Helder Jose Alves Rocha, l-imputati mhux Malta u sabiex ma jinħlewx aktar riżorsi tal-Qrati sabiex jinġabu Malta l-istess imputati tenut kont li l-imputazzjoni preskritta, l-prosekuzzjoni irtirat l-akkużi.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni miġjuba.

Proċediment eżawrit.

**Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**